



Brussell, 20 ta' Mejju 2022  
(OR. en)

9337/22  
ADD 1

**ECOFIN 456**  
**UEM 98**  
**CODEC 758**  
**FIN 572**  
**COH 43**  
**AGRI 208**  
**AGRIFIN 48**  
**AGRISTR 31**  
**FORETS 38**  
**PECHE 171**  
**CLIMA 226**  
**ENV 461**  
**CADREFIN 88**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 20 ta' Mejju 2022

lil: Segretarjat Ĝeneralu tal-Kunsill

---

Nru dok. Cion: COM(2022) 231 final

---

Suġġett: ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 231 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 231 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.5.2022  
COM(2022) 231 final

ANNEXES 1 to 2

## ANNESSI

*tal-*

### **Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-Kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

## **ANNESS I**

L-Anness V tar-Regolament 2021/241 huwa emendat kif ġej:

(a) Fit-taqSIMA 2, għandu jiżdied il-punt li ġej:

“2.12. Il-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c (1) u (2) mistennija jikkontribwixxu b’mod effettiv lejn is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni għall-Unjoni kollha, partikolarm permezz ta’ diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija jew tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.”.

Meta tivvaluta l-miżuri msemmijin fl-Artikolu 21c(1) skont dan il-kriterju, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi li ġejjin:

Kamp ta’ applikazzjoni

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b’mod sinifikanti għat-titjib tal-infrastruttura u l-faċilitajiet tal-enerġija biex jiġu ssodisfati l-ħtiegji immedjati tas-sigurtà tal-provvista għaż-żejt u l-gass, b’mod partikolari biex tippermetti d-diversifikazzjoni tal-provvista fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi,

jew

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b’mod sinifikanti biex tagħti spinta lill-effiċċenza enerġetika fil-bini, tiddekarbonizza l-industrija, iż-żid il-produzzjoni u l-użu ta’ bijometan sostenibbli u idroġenu rinnovabbi jew mhux fossili u żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbi,

jew

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tindirizza l-konġestjonijiet fl-infrastruttura tal-enerġija, b’mod partikolari billi tibni konnessjonijiet transfruntieri ma’ Stati Membri oħrajn, jew tappoġġa t-trasport b’emissionijiet zero u l-infrastruttura tiegħu, inklużi l-ferroviji,

jew

— l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti mistennija tikkontribwixxi b’mod sinifikanti għall-appoġġ ta’ rikwalifikazzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet ekoloġiċi, kif ukoll għall-appoġġ lill-ktajjen tal-valur f’materjali u teknoloġiji essenziali marbutin mat-tranżizzjoni ekoloġika,

u

— jekk il-miżuri u l-ispiegazzjoni, previsti fl-Artikolu 21c(1) humiex komplementari għal xulxin u jikkontribwux b’mod sinifikanti, flimkien mal-miżuri fl-Artikolu 21c(2)(a) u (b), biex tinkiseb id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni jew it-taqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.”

Klassifikazzjoni

A – sa punt għoli

B – sa punt medju

## C – sa punt baxx

- (b) Fit-taqSIMA 3 il-parti li tibda bil-kliem “B’riżultat tal-proċess ta’ valutazzjoni, u filwaqt li jitqiesu l-klassifikazzjonijiet” hija sostitwita b’dan li ġej:  
“B’riżultat tal-proċess ta’ valutazzjoni, u filwaqt li jitqiesu l-klassifikazzjonijiet:

(a) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkonforma b’mod sodisfaċenti mal-kriterji tal-valutazzjoni:

Jekk il-klassifikazzjonijiet finali għall-kriterji taħt il-punt 2 jinkludu punteġġi b’:

— A għall-kriterji 2.2, 2.3, 2.5, 2.6 u 2.12;

u għall-kriterji l-oħrajn:

— kollha A,

jew

— l-ebda maġġoranza ta’ B fuq A u l-ebda C.

(b) Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ma jikkonformax b’mod sodisfaċenti mal-kriterji tal-valutazzjoni:

Jekk il-klassifikazzjonijiet finali għall-kriterji taħt il-punt 2 jinkludu punteġġi b’:

— mhux A fil-kriterji 2.2, 2.3, 2.5, 2.6 u 2.12;

u għall-kriterji l-oħrajn:

— maġġoranza ta’ B fuq A,

jew

— mill-inqas C waħda.”

## **ANNESS II**

- (1) Fil-paragrafu 4.2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiddaħħal dan li ġej:  
“Referenza: L-Artikoli 26 (1) u **26a** RDK”
- (2) Fil-paragrafu 3.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiddaħħal dan li ġej:  
“Referenza: L-Artikoli 14, 26, **26a** u 27 RDK”
- (3) Fin-nota f'qiegħ il-paġna 1 tal-paragrafu 3.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/1060, jiddaħħal dan li ġej:  
“Applikabbi biss għal emendi tal-programm f'konformità mal-Artikoli 14, 26, **u 26a** għajr trasferimenti komplementari għall-JTF f'konformità mal-Artikolu 27 tar-RDK. It-trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw it-tqassim annwali tal-appoprjazzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-QFP għal Stat Membru.”